

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-10 ta' Ġunju 2009

li tiffissa l-ammonti li għandhom jiġu allokat i l-istati Membri skont il-modulazzjoni msemmija fl-Artikoli 7 u 10 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 għas-snin 2009-2012

(notifikata taħt id-dokument numru C(2009) 4375)

(2009/444/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 tad-19 ta' Jannar 2009 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi ta' appoġġ direkt għal bdiewa fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għal bdiewa, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1290/2005, (KE) Nru 247/2006, (KE) Nru 378/2007 u li jirrevoka ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(2), l-ewwel subparagrafu, u (4), kif ukoll l-Artikolu 10(3) tiegħu,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/379/KE⁽²⁾ tistipula l-ammonti li jirriżultaw mill-applikazzjoni tat-tnaqqis tal-pagamenti diretti provduti bl-Artikolu 7(1) u (2) tar-Regolament (KE) Nru 73/2009, imqiegħda għad-dispożizzjoni tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR), għas-snin finanzjarji 2007 sa 2013.
- (2) L-Artikolu 10(3) u (4) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 1782/2003 tad-29 ta' Settembru 2003 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi diretti ta' appoġġ fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa⁽³⁾ stabbilixxa l-kriterji għall-allokazzjoni tal-ammonti li jirriżultaw mill-modulazzjoni pprovduta fil-paragrafu 1 tal-Artikolu msemmi. Dawn id-dispożizzjonijiet issa huma inklużi fl-Artikolu 9(2) u (3) tar-Regolament KE Nru 73/2009.
- (3) L-Artikolu 78 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 796/2004 tal-21 ta' April 2004 li jippreskrivi regoli dettaljati għall-implementazzjoni ta' konformità, modulazzjoni u amministrazzjoni integrata u sistema ta' kontroll kif hemm provvediment dwarhom fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003 li jistabbilixi regoli komuni għal skemi ta' sostenn dirett taħt il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' sostenn għall-bdiewa⁽⁴⁾, jistabbilixxi l-metodu għall-allokazzjoni ta' dawn l-ammonti fost l-istati Membri bl-użu tal-kriterji stabiliti fl-Artikolu 10(3) u (4) tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003.

⁽¹⁾ ĠU L 30, 31.1.2009, p. 16.

⁽²⁾ ĠU L 117, 12.5.2009, p. 10.

⁽³⁾ ĠU L 270, 21.10.2003, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 141, 30.4.2004, p. 18.

(4) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/588/KE⁽⁵⁾ ffissat l-allocazzjoni għall-istati Membri, għas-snin 2006 sa 2012, tal-ammonti li jirriżultaw mill-modulazzjoni skont l-Artikolu 10(3) u (4) tar-Regolament Nru 1782/2003. Ġaladarba din id-dispożizzjoni għiet inkorporata fl-Artikolu 9(2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 73/2009, l-ammonti li jidħru fl-Anness għad-Deċiżjoni 2006/588/KE għas-snin 2009 sa 2012 għandhom jitqiesu li huma allokat i l-istati Membri skont l-Artikolu 9(2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 73/2009. Għal-daqstant, dawn l-ammonti jibqgħu applikabbi.

(5) Jeħtieġ li jkunu allokat i l-istati Membri l-bqja tal-ammonti li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-modulazzjoni pprovduta bl-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 73/2009 għas-snin 2009 sa 2012, f'konformità mal-Artikolu 9(4) tar-Regolament imsemmi, kif ukoll l-ammonti li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-modulazzjoni msemmija fl-istati Membri l-ġoddha fit-tifsira tal-Artikolu 2(g) tar-Regolament imsemmi, f'konformità mal-Artikolu 10(3) tar-Regolament imsemmi.

(6) F'ġieħ iċ-ċarezza, id-Deċiżjoni 2006/588/KE għandha titħassar u tinbidel b'Deċiżjoni ġidida.

(7) Il-miżuri provduti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni tal-Pagamenti Diretti,

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

Artikolu 1

L-ammonti li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-ħames punti perċentwali ta' tnaqqis għas-snin 2009 sa 2012, skont l-Artikolu 9(2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 73/2009 għandhom ikunu allokat i l-istati Membri f'konformità mat-tabella li tidher fl-Anness I għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

L-ammonti li jirriżultaw mill-applikazzjoni tat-tnaqqis ta' aktar mill-ħames punti perċentwali msemija fl-Artikolu 1 ta' din id-Deċiżjoni għas-snin 2009 sa 2012, skont l-Artikolu 9(4) tar-Regolament (KE) Nru 73/2009, għandhom ikunu allokat i l-istati Membri f'konformità mat-tabella li tidher fl-Anness II għal din id-Deċiżjoni.

⁽⁵⁾ ĠU L 330M, 9.12.2008, p. 395.

Artikolu 3

L-ammonti allokati għas-sena 2012, skont l-Artikolu 10(3) tar-Regolament (KE) Nru 73/2009, lill-Istati Membri l-għodda fit-tifsira tal-Artikolu 2(g) tar-Regolament imsemmi huma stipulati fit-tabella li tidher fl-Anness III għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 4

Id-Deċiżjoni 2006/588/KE hija mħassra.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, 10 ta' Ġunju 2009.

Għall-Kummissjoni

Mariann FISCHER BOEL

Membru tal-Kummissjoni

ANNESS I

Allokazzjoni lill-Istati Membri tal-ammonti li jirriżultaw mill-modulazzjoni stipulata fl-Artikolu 9(2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 73/2009 għas-snin 2009 sa 2012

(f'EUR miljuni)

Stat Membru	2009	2010	2011	2012
Il-Belġju	18,3	18,2	18,2	18,2
Id-Danimarka	33,4	33,4	33,4	33,4
Il-Ġermanja	207,5	206,8	206,8	206,8
L-Irlanda	35,2	34,5	34,5	34,7
Il-Greċċa	64,3	61,3	61,3	61,4
Spanja	223,4	217,8	218,4	218,5
Franza	271,8	270,6	270,8	271,0
L-Italja	144,6	140,2	140,8	140,8
Il-Lussemburgu	1,2	1,2	1,2	1,2
L-Olanda	29,4	28,8	28,8	28,8
L-Awstrija	44,3	43,2	43,3	43,3
Il-Portugall	54,1	52,8	52,8	52,9
Il-Finlandja	20,6	20,2	20,2	20,2
L-Iżvezja	26,0	25,5	25,5	25,5
Ir-Renju Unit	136,7	136,3	136,3	136,3

ANNESS II

Allokazzjoni lill-Istati Membri tal-ammonti li jirriżultaw mill-modulazzjoni stipulata fl-Artikolu 9(4) tar-Regolament (KE) Nru 73/2009 għas-snin 2009 sa 2012

(f'EUR miljuni)

Stat Membru	2009	2010	2011	2012
Il-Belġju	9,3	13,8	18,4	23,2
Id-Danimarka	17,6	25,9	34,3	43,0
Il-Ġermanja	115,0	158,5	204,0	250,9
L-Irlanda	17,1	25,6	34,1	42,7
Il-Greċċa	19,6	29,0	38,2	47,3
Spanja	70,1	107,3	141,9	178,8
Franza	132,8	198,0	265,2	335,6
L-Italja	61,3	78,2	102,0	127,9
Il-Lussemburgu	0,6	0,8	1,1	1,4
L-Olanda	13,3	19,8	26,4	34,2
L-Awstrija	7,3	10,9	14,5	18,1
Il-Portugall	8,8	11,8	15,8	19,8
Il-Finlandja	6,1	9,1	12,3	15,3
L-Iżveżja	10,0	15,2	20,5	25,9
Ir-Renju Unit	67,4	100,6	134,3	167,7

ANNESS III

Allokazzjoni lill-Istati Membri tal-ammonti li jirriżultaw mill-modulazzjoni f'konformità mal-Artikolu 10(3) tar-Regolament (KE) Nru 73/2009 għas-sena 2012

(f'EUR miljuni)

Stat Membru	2012
Ir-Repubblika Ċeka	6,3
Il-Litwanja	0,3
L-Ungaria	5,9
Il-Polonja	1,1
Is-Slovakkja	2,5